**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 21 ta' Marzu, 2016**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 1082/2012**

**George Agius, John Agius**

**vs**

**Julian Agius u**
**b'digreti tat-18 ta' Novembru 2013 u tat-3 ta' Marzu 2015**
**iddahhlu fil-kawza bhala intimati Michael Agius,**
**Melita Dunster, Doreen Mifsud u t-tfal tal-mejjet**
**Carmelo Agius ossia Alison Pisani, James Agius,**
**Leon Agius u Diane Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-29 ta' Ottubru 2012 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat huma tlieta minn seba' ahwa u tfal tal-mibkija George Agius li miet fl-1994, u Maria Stella Agius li mietet fil-21 ta' Awwissu 2011;

2. Illi l-intimat jivvanta li huwa kellu mandat jew prokura sabiex jamministra l-beni ta' missieru u ommu, u li dan fil-fatt amministra l-beni ta' missieru u ommu sal-mewt ta' ommu Maria Stella Agius;

3. Illi l-istess intimat informa lir-rikorrenti li huwa kien jamministra flus u investimenti u beni tal-genituri ghalkemm qatt ma ta rendikont lir-rikorrenti u lanqas spjegazzjoni ta' l-operat tieghu meta l-intimat diga ghadda xi pagamenti lill-ahwa Agius;

4. Illi wara l-mewt tas-superstiti Maria Stella Agius, l-intimat ghalkemm interpellat baqa' inadempjenti;

5. Illi kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok. A u Dok. B, l-imsemmija konjugi Agius mietu intestati;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimat kien jamministra l-beni konsistenti inter alia fi flus u depoziti tal-konjugi George u Maria Stella Agius;

2. Tordna lill-intimat jipprezenta prospett dettaljat tal-amministrazzjoni tieghu matul iz-zmien tal-beni tal-konjugi George u Maria Stella Agius billi juri d-dhul u hrug li kien hemm, u minn fejn gew ricevuti flus, u fejn gew depozitati kif ukoll fejn thallsu u ghal liema ragunijiet thallsu tali flus u kull dettal iehor necessarju biex tohrog stampa kompleta;

3. Tiddikjara l-korrettezza, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand, tal-amministrazzjoni minn naha tal-intimat tal-beni ta' George Agius u ta' Maria Stella Agius;

4. Tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-sehem taghhom spettanti skond il-ligi tal-beni ta' George u Maria Stella Agius;

Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Julian Agius li tghid hekk:

1. Illi in linja preliminari, in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tal-azzjoni kif promossa mill-atturi stante illi kif jirrizulta koncess mill-premessi tar-rikors promotur din l-azzjoni kienet se mai tispetta lill-werrieta kollha ta' George u Maria Stella Agius u mhux biss lir-rikorrenti odjerni.

2. Illi in linja preliminari wkoll l-azzjoni ittentata hija wahda legalment impronobbli peress illi r-rikorrenti ma ghandhom ebda jedd ta' azzjoni a bazi tal-kawzali kif promossa fir-rikors promotur u anqas ma ghandhom locus standi bhala atturi fl-istess azzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba' talba kif mressqa mill-atturi hija legalment improponibbli kif impostata u ma tista' qatt tigi akkolta f'din il-procedura peress illi fl-ewwel lok ma ssegwix il-premessi tal-azzjoni kif impostata mill-atturi stess, fit-tieni lok ghaliex l-azzjoni kif impostata ma titlobx il-kanonizazzjoni ta' kreditu favur l-atturi, fit-tielet lok ghaliex il-gid tad-defunti George u Maria Stella Agius ipprevjena lis-seba' werrieta wliedhom li jinkludu dawk mhux parti minn din il-kawza u ghalhekk anki fil-konfront tar-raba' talba jezisti l-ostaklu tan-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju.

4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici kollha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Rat illi l-kjamati fil-kawza ghamlu taghhom ir-risposta guramentata tal-konvenuti kif jidher mir-rikors tal-partijiet a fol. 42 tal-process degretat fit-18 ta' Novembru 2013;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza bejn l-ahwa tal-mejtin George Agius li miet fil-1994 u Maria Stella Agius li mietet fl-2011. L-atturi f'din il-kawza qed isostnu illi huhom Julian Agius kien jamministra l-beni tal-genituri u ghalhekk ghandu jaghti rendikont tal-operat tieghu u verifika tar-rendikont minn espert komputista u illi f'kaz li hemm xi bilanc dovut, il-Qorti tordna l-hlas tas-sehem spettanti lilhom tal-beni tal-konjugi Agius.

L-ewwel eccezzjoni giet irtirata (fol. 41 tal-process) billi l-ahwa kollha ddahhlu fil-kawza.

It-tieni eccezzjoni hi fis-sens illi l-azzjoni hi improponibbli ghax l-atturi ma ghandhomx jedd ta' azzjoni a bazi tal-kawzali kif promossa. Din il-Qorti ma tqis tali eccezzjoni fondata. Gie dikjarat b'mod esplicitu mill-konvenut Julian Agius illi hu kien jiehu hsieb il-flus ta' ommu u missieru li kienu jafdawh u ghalhekk, kif jidher mill-atti, ha f'idejh il-flus li kellu missieru d-dar u li kellu gejjin mill-wirt ta' hu missieru u investihom. L-investimenti li jirrizultaw mill-atti huma kollha f'isem il-konvenut Julian Agius wahdu jew flimkien ma' huh Michael. Il-bazi legali ghal tali ftehim johrog mir-relazzjoni ta' mandat bejn George Agius u ibnu Julian u iktar tard bejn mart George, Maria Stella u l-istess binha Julian.

Il-Qorti ghalhekk hi konvinta illi l-konvenut Julian Agius kien amministratur u prokuratur de facto tal-beni tal-genituri tal-konvenuti u wara l-mewt taghhom, l-atturi kellhom kull dritt jitolbu lil konvenut Julian Agius jaghtihom rendikont tal-amministrazzjoni tieghu, billi huma bhala eredi tal-konjugi Agius u dan a bazi tal-artikolu 1875 tal-Kap. 16 li dwarha ma jidhirx li xi parti qajjem dubju, kellhom sehem

mill-assi tal-konjugi Agius. Ghalhekk l-ewwel talba ghal dikjarazzjoni li l-konvenut Julian Agius kien jamministra l-beni konsistenti fi flus u depoziti hi ben fondata.

Hi wkoll ben fondata t-tieni talba taghhom li l-konvenut jipprezenta prospett tal-assi, provenjenza, dhul u hrug, u spjegazzjoni tad-dhul u hrug.

Fuq din il-kwistjoni l-Qorti giet rinfaccjata b'hafna xiehda frammentata u imprecieza da parti tal-konvenut Julian Agius.

Julian Agius ipprezenta prospett mhux sostanzjat minn ebda document ta' dhul u hrug mid-19 ta' Novembru 2003 sal-11 ta' Awwissu 2011 (ara fol. 65 sa 73 tal-process) liema dhul u hrug ex admissis sar kollu mill-istess Julian Agius.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Julian Agius li hu nghata min missieru xi Lm9,000 u circa Lm17,000 provenjenti minn wirt ta' hu missieru biex jehodlu hsiebhom. Julian Agius jixhed li investa dawn il-flus.

Gew prezentati zewg kontijiet bankarji tal-Lombard Bank wiehed kont fiss fl-ammont ta' €34,573.71 li ma jinkludix l-imghax fuqu u li kien jaghlaq fl-20 ta' Frar 2012, bin-numru 0152020140301 f'isem Julian Agius (fol. 74 tal-process) u iehor fiss fl-ammont ta' €17,417.24 li kien jaghlaq fil-21 ta' Dicembru 2011 bin-numru 01520201403 ukoll f'isem Julian Agius.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Julian Agius li t-tieni kont bankarju kienu flus appartenenti lil huh John Agius mill-wirt taz-zija li taghha John Agius kien werriet, u ghalhekk mhux parti mill-assi tal-konjugi George u Maria Stella Agius. Jirrizulta li dan l-ammont inkluz l-imghax thallas lil John Agius b'cheque datat 5 ta' Jannar 2012 (ara cheque a fol. 193 tal-process fil-parti ta' fuq tal-pagna). A fol. 78 tal-process Julian Agius ipprezenta rendikont fuq dan l-ewwel kont bankarju. Ghalkemm hemm diskrepanza zghira mal-ammont dikjarat fl-istatement tal-bank billi Julian Agius fir-rendikont jikteb li l-ammont fid-19 ta' Awwissu 2011 kien ta' €34,319.78, pero minn dan l-ammont jidher li tnaqset is-somma ta' €8,331.72 kif jidher mill-ispjegazzjoni tal-hrug fl-istess

document a fol. 78 tal-process. Jidher li dan il-kont kien ilu ezistenti sa minn Novembru 2003.

Skond Julian Agius, apparti l-flus fil-Lombard kien ghamel investiment fil-Barclays u sussegwentement sar trasferiment taghhom fil-Protected Asset TEP fund amministrat minn Global Capital f'Malta. Skond ix-xhieda ta' rapprezentant tal-Global Capital Gianluca Cappitta inizjalment id-depozitu fil-fund gej mill-Barclays kien jikkonsisti f'zewg ammonti separati ta' Sterlina 25,000 f'kull wiehed. Il-fund infetah f'isem Julian Agius u Michael Agius. Dawn il-fondi marru hazin minhabba l-klima ekonomika u nbieghu kif gej, wiehed fis-16 ta' April 2012 u r-rikavat hu ta' Sterlina 19,349.81 u l-iehor nbiegh fis-16 ta' Marzu 2012 u r-rikavat kien ta' €15,625.84 u fis-17 ta' April 2012 inbieghet xi parti ohra bir-rikavat ikun ta' €387.34. Jidher mid-dokument esebit a fol. 123 tal-process illi minn dan l-ahhar fond kien gia nbiegh parti fl-ammont ta' Sterlina 2000. Sfortunatament ma hemmx il-prova dwar l-ammont li kien hemm fil-Barclays qabel it-trasferiment ghal fund.

Ezattament fejn gie depozitat dan ir-rikavat ma jirrizultax pero fir-rendikont finali li Julian Agius jinsisti li ghadda lil hutu u li jinsab a fol. 194 tal-process jidher li hu ghazel id-data tal-5 ta' Jannar 2012 bhala d-data tal-likwidazzjoni ta' dan il-fund u l-ekwivalenti f'ewro tal-bilanc fl-ammont ta' €38,638.

Julian Agius jiddikjara li ma' dan l-ammont zied il-bilanc mill-kont tal-Lombard cioe €25,988.06 u qasam it-total ta' €64,626.06 bejn sebat ahwa u ghadda cheque ta' €9,233 lil kull wiehed mill-ahwa. Dan jidher mir-rendikont finali a fol. 194 tal-process. Ic-cheque ta' John Agius jidher a fol. 193 tal-process. George Agius meta xehed ma jghidx li ma rceviex dan l-ammont izda li ma nghatax rendikont. Il-konvenut Julian Agius jishaq li baght rendikont lil kulhadd inkluz l-ispejjez inkorsi liema rendikont hu kopja tal-karti esebiti minnu.

Safejn jirrizulta lil Qorti ghalhekk il-konvenut ipprezenta l-fuq imsemmija fatti u prospett frammentat li minnu l-Qorti harget dawn ir-rizultanzi. Jidher li safejn tasal it-tieni talba l-konvenut ressaq il-provi li dehrlu kellu jersaq biex jissodisfa t-tieni talba attrici.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difensur tal-konvenut Julian Agius li l-fatt li l-atturi accettaw ic-cheque li nghatalhom dan sar a saldu ta' kull pretensjoni. Tali hlas a saldu trid tirrizulta b'mod car. Il-hlas ta' somma mill-konvenut lil atturi ma jfissirx li ezonera ruhu minn kull responsabilta. Del resto l-konvenut stess imkien ma jixhed li l-hlas sar u gie accettat a saldu, tant li l-kawza infethet ftit wara. In oltre l-fatt li l-konvenuti l-ohra ma oggezzjonawx u ma ghandhomx pretensjonijiet ma jfissirx li l-atturi rrinunzjaw ghal pretensjonijiet lilhom spettanti bil-ligi.

Pero tqum il-kwistjoni jekk tali prospett jew prova li kienet tmiss lil konvenut kinitx stampa korretta ta' dhul u hrug u b'hekk turi amministrazzjoni cara u sodisfacenti tal-assi tal-mejtin George u Maria Stella Agius.

Tali domanda ma tistax tinghata risposta ghaliha mill-Qorti billi hi ma ghandhiex l-proficenza teknika ghal tali mansjoni ghalkemm jidher manifest li l-istampa moghtija mhix kompleta jekk xejn ghax il-prospett ma hu sopportat minn kwazi ebda dokumentazzjoni li jsostnih specjalment fejn jirrigwarda infieq jew provenjenza cara tal-assi. Il-Qorti ghalhekk tqis li f'dan l-istadju ghandha tinghata s-sentenza parzjali fuq l-ewwel zewg talbiet attrici biss u tipprovdi fuq it-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri ta' din il-kawza.

**Decide**

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba attrici, u tilqa' t-tieni talba attrici billi tordna lil konvenut li jipprovdi prospett aktar dettaljat tal-assi u l-provenjenza ta' kull depoziti jew investiment li sar kif ukoll prova ta' kull dhul u hrug akkompanjat mad-dokumentazzjoni rilevanti in sostenn u dan fi zmien xahrejn millum. Tirriserva li tipprovdi fuq it-talbiet tlieta u erbgha fi stadju ulterjuri. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur